**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 900/2024**

**Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Shaun Caruana**

Illum 4 ta' Frar 2025

Il Qorti:

Rat illi tressqu taht arrest li Shaun Caruana ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Raymond Caruana u Mary Ann Zerafa, imwieled gewwa tal-Pieta', Malta, nhar it-tmienja (08) ta'April 1995, u minghajr indirizz fiss, detentur tal-karta tal-identita' 157695M

F'isem ir-Repubblika ta' Malta nakkuzawh talli:

Għal ħabta ta' bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) u s-sitta ta' filgħodu (06:00hrs) ta' bejn il-ħamsa u għoxrin (25) u is-sitta u għoxrin (26)
ta' Ottubru tas- sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa **Water Services Corporation Triq Ħal Qormi Luqa** ;

1. Ikkommetta serq ta' **żewg Laptops , flus u/jew xi oġġetti oħra**, liema serq huwa ikkwalifikat **bil-ħin**, **bil-mezz** u **bil-valur** liema valur jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) dan sar għad-detriment ta' **Water Services Corporation** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

2. U aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u dan sar għad-detriment ta' **Water Services Corporation Triq Ħal Qormi Luqa** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet li dan ma jeċċedix il-mitejn u ħamsin ewro (250 ewro)

Nakkużawh ukoll talli Għal ħabta ta' bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs)
u s-sitta ta' filgħodu (06:00hrs) nhar ta' bejn il-ħamsa u għoxrin (25) u is-sitta u għoxrin (26)
ta' Ottubru sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa il-Gżejjer Maltin:

3. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill- Onor Maġistrat Kevan Azzopardi fit-tletin (30) ta' Settembru 2024

U aktar talli:

4. huwa recidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u tal-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza/sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza ta' l-1 ta' Novembru 2024 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.[1]

Rat li matul is-seduta tas-26 ta' Novembru 2024, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditilu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.[2]

Rat li l-imputat rega tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma' hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. L-akkużi għalhekk huma sodisfacjentement ppruvati.

[1] Folio 4 ta' l-atti processwali
[2] Folio 63 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2025.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal nhar il-25 u 26 ta' Ottubru 2024 meta l-imputat ikommetta diversi serqiet minn gewwa l-Water Services Corporation.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2024 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghhom.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti.

- Il-fedina penali refrattarja u voliminuza ferm ta' l-imputat fejn jirrizulta kundanni li jirisalu lura ghal nhar is-sena 2012 u diversi kundanni ta' serq tul dawn l-ahhar ghaxar snin.

- Recidiva – L-imputat tressaq bl-addebitu tar-recidiva skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Il-prosekuzzjoni esebit xi sentenzi u mill-fedina penali jirrizultaw sentenzi registrati wkoll. Stante li kien hemm ammissjoni shiha, il-prosekuzzjoni ma kelliex ghalfejn tkompli tipprezenta provi.

- Illi gie prezentat *pre-sentencing report* mill-ufficjal tal-probation.[3] Illi mir-rapport jirrizulta li minn l-eta' ta- sittax il-sena l-imputat beda jitressaq il-Qorti u fil-maggior parti relatati mas-serq u inghata diversi sentenzi karcerarji. Illi mir-rapport jirrizulta wkoll li l-imputat jistqarr li huwa dispjacut ta' dak li gara ghax huwa vittma tad-droga u gab lil haddiehor vittma.[4]

- Mir-rapport irrizulta li meta wasal ghas-snin tas-sekondarju in-nanna tieghu mardet serjament u ma setghetx tiehu hsiebu iktar u minhabba li l-genituri lanqas ma setghu irabbuh mar jghix gew l-istitut ta' Saint Patricks. Kien hemm certu zmien fejn prova jghix ma misseru izda ghax kien iebes mieghu kien jahrablu u f'dan il-perjodu qabad kumpanija hazina u triq ghan-nizla. Minn dak iz-zmien l-hawn ghex f'diversi postijiet u ghamel diversi perjodu l-habs. Jirrizulta li sfortunatament l-imputat trabba minghajr sapport inkluz dik ta' ahwa li sfortunatament ohtu li kienet tiehu hsiebu ma baqghetx hajja u kien anke spicca bla saqaf fuq rasu. Irrizulta wkoll li l-imputat ghandu vizzju tad-droga li ilu li beda ta' eta tenera hafna.

- Illi jirrizulta li kien hemm hsara u giet ipprezenta stima ta' hamest elef, mitejn u sitta u ghoxrin Euro u tmenin centezmu. (inkluz VAT) (€5,226.80).[5]

[3] Dok MM1, Folio 113-166 ta' l-atti processwali
[4] Folio 117 ta' l-atti processwali
[5] Folio 46-49 ta' l-atti processwali

- Fil-waqt li l-amissjoni ta' l-imputat ma saritx fl-iktar stadju bikri, xorta jista jigi kkunsidrat li l-amissjoni saret lejn il-bidu tal-proceduri u ghandha, konsegwentement titqies bhala attenwanti favur l-imputat fic-cirkostanzi tal-kaz.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputati izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

- Illi l-imputati inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu izda madankollu xorta baqa ghaddej bl-istess agir u ripetizzjoni ta' serq. Ghaldaqstant tqis li huwa inutli ghal l-ahhar li f'dan l-istadju l-Qorti tikkunsidra piena alternattiva ghajr hlief dik ta' habs effettiv.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 263(b), 264(1), 265, 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2), 325(1)(c), 579, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Shaun Caruana **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' prigunerija ta'

tlett (3) snin habs li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati **ihallas** is-somma ta' hamest elef, mitejn u sitta u ghoxrin Euro u tmenin centezmu. (inkluz VAT) (€5,226.80) lil Water Services Corporation bhal kumpens liema somma ghandha tithallas fiz-zmien massimu skont il-ligi. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet li huwa jidher għaddej minnhom minħabba diversi abbużi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu u ta' tlett snin millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar il-4 ta' Frar 2025 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**